# L-Emofilja fi stampi



# Appendiċi

## Terapija mid-dar u terapija fil-vina

L-emofilja fi stampi

*© World Federation of Hemophilia, 2005*

*Oriġinarjament, din il-pubblikazzjoni kienet ippubblikata bl-Ingliż mill-World Federation of Hemophilia (WFH) u ġiet trodotta bil-permess.*

*Id-WFH mhix responsabbli għal din it-traduzzjoni jew għal żbalji jew tibdil fil-kontenut minn dak li jidher fl-edizzjoni oriġinali bl-Ingliż.*

*Din il-pubblikazzjoni hija waħda minn sensiela ta' kapitli. Id-WFH tinkoraġġixxi lill-qarrejja biex jikkonsultaw mal-kapitli kollha f'din il-pubblikazzjoni.*

*Din il-pubblikazzjoni ġiet trodotta u stampata mill-Malta Bleeding Disorders Society, 2021.*

MBDS MALTA BLEEDING DISORDERS SOCIETY

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# Appendiċi: Terapija mid-dar u terapija fil-vina

- Xi tkun terapija mid-dar?
- Xi tkun terapija fil-vina?
- Xi preparazzjoni għandek bżonn għal replacement therapy?
- Kif tista' tiġi evitata infezzjoni meta tingħata injezzjoni?
- Kif tingħata replacement therapy? Parti A
- Kif tingħata replacement therapy? Parti B

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Xi tkun terapija mid-dar?

- Terapija mid-dar hi *infużjoni* (injezzjoni) bil-prodott tat-tagħqid fid-demm, li tiħodha 'l bogħod mill-isptar. Persuna bl-emofilja tista' tieħu dan it-trattament id-dar, l-iskola, il-post tax-xogħol jew kwalunkwe post ieħor.
- Għandu jinżamm rendikont bil-miktub tat-trattamenti meħuda.
- Persuna bl-emofilja u l-familja tagħha għandhom jaqsmu r-responsabbiltà għal saħħithom mal-ħaddiema fil-qasam tal-emofilja.
- It-terapija mid-dar ma għandhiex tieħu post il-kura tat-tabib.






WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# Xi tkun terapija fil-vina?

- *Terapija fil-vina* tfisser li ddaħħal labra fil-vina. Dan isir biex jittieħed id-demm, jew biex tingħata injezzjoni.

- Kull vina li tkun tidher jew tinħass faċilment, tista' tintuża għall-injezzjoni. Normalment, l-aktar vini li huma faċli biex tittieħed l-injezzjoni fihom huma dawk wara l-pala tal-id jew dawk ġewwa l-minkeb.

- Trabi li jbatu bl-emofilja jaf joħroġilhom ħafna demm jekk l-injezzjoni tingħata fil-vini tal-għonq jew tal-groin. Xi drabi, dawn il-postijiet jintużaw mit-tobba biex jittieħdu kampjuni tad-demm. Fit-trabi li jbatu bl-emofilja jistgħu jintużaw postijiet oħra, kemm għal kampjuni tad-demm kif ukoll għal trattament.



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# Xi preparazzjoni għandek bżonn għal replacement therapy?

Aqra l-istruzzjonijiet li jiġu mal-factor concentrate. Qabel ma tmiss il-materjal, aħsel idejk sew bis-sapun u l-ilma. Il-wiċċ fejn se taħdem fuqu għandu jkun imnaddaf sew b'diżinfettant. Daqs għatu bil-bliċ tal-kloru miżjud ma' nofs litru ilma għandu jagħmel diżinfettant tajjeb. Kun ċert li l-bliċ mhux skadut.

**X'għandek bżonn għal trattament bil-factor concentrate:**

- kontenitur għall-oġġetti li jaqtgħu
- wipes disposable
- wipes bl-alkaħol
- faxxa
- blalen tat-tajjar
- tape
- tourniquet
- butterfly needle
- siringa
- transfer needle/filter needle
- factor concentrate
- ingwanti tal-latex
- ***dilwent*** (likwidu sterili) miżjud bil-concentrate












WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Kif tista' tiġi evitata infezzjoni meta tingħata injezzjoni?

- Oqgħod attent fl-immaniġjar tat-tagħmir mediku kollu. Żomm idejk u t-tagħmir mediku nodfa. Dawk li se jgħinuk għandhom jaħslu jdejhom u jilbsu l-ingwanti.
- Oqgħod attent! Żomm is-swaba' 'l bogħod mit-truf tal-labar, ta' oġġetti jaqtgħu, u l-ftuħ ta' fliexken, basktijiet u siringi. Dawn għandhom jinżammu nodfa.
- Il-concentrates m'għandhomx jinfetħu u jiġu maħżuna għal aktar tard.
- Poġġi l-labar u s-siringi f'kontenitur għalihom.
- Imsaħ il-likwidu li jkun waqa' b'diżinfettant, kif strutturat mill-ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tal-emofilja.
- Iddisponi b'mod sigur il-materjal kollu li jkun ġie użat waqt l-għoti tal-injezzjoni, skont il-politika lokali. Iċċekkja mal-eqreb ċentru jew klinika tal-emofilja għar-rakkamondazzjonijiet tagħhom.







WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Kif tingħata replacement therapy?

## (PARTI A)

- Kun żgur li jdejk huma ndaf.
- Imxi mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa.
- Uża l-concentrate maħlul kollu. Evita li taqsam id-doża u żżomm ftit minnha għal aktar tard. Il-kontenut tal-clotting factor jibda jisparixxi wara li jkun irrikostitwixxa (wara li d-dilwent jiġi miżjud mal-concentrate). Apparti hekk, hemm riskju għoli ta' infezzjoni.

1



2



3



4



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# Kif tingħata replacement therapy?

## (PARTI B)

- Imxi mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa.

- Meta tkun lest, agħfas fuq il-post fejn kien hemm il-labra għal mill-inqas ħames minuti.

5



6



7



8



WFH